MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 424/2013

**Alfred Camilleri (ID 847139M)**

**Vs**

**Benjamin Borg Cardona (ID 187490M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessiipprezentat fis-17 ta' Lulju, 2013 li permezz tieghu l-attur ppremetta s-segwenti:

Jghid ghaliex il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont ta' sitt mija u erbghin ewro (€640) rapprezentanti:

(i) is-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450) bhala l-ispiza li l-attur kellu jaghmel sabiex inaddaf u jbajjad il-garaxx li l-attur kera l-konvenut u cioe' garaxx numru 2, f'Donmar, Triq Reggie Miller, Gzira, liema fond hallieh fi stat mahmug u hazin meta telaq minnu; u

(ii) l-ammont ta' mija u disghin ewro (€190) bhala d-dritt professjonali tal-Perit William Soler li spezjona u rraporta fuq il-kundizzjoni tal-garaxx imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tad-19 t'April, 2013 u tal-21 ta' Gunju, 2013 u bl-imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 18 t'Ottubru, 2013 (fol 5 tal-process) illi:

Preliminarjament, nuqqas ta' gurisdizzjoni stante li l-ammont gie ffissat arbitrarjament 'ex parte' (u f'dan ir-rigward it-talba ghall-hlas ta' drittijiet ta' Perit mhux ammissibli, stante illi l-ispezzjoni saret f'cirkostanzi li ma jiggustifikawhx). Sekondarjament, il-fond thalla fl-istat li kien meta gie f'idejn il-konvenut, kif jaf l-attur.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri skont il-ligi.

Semgha x-xhieda kollha.

Ra l-atti kollha fil-process.

Ra il-verbal tat-18 t' April 2012 fejn thalliet ghas-Sentenza.

**Ikkunsidra**

F'din il-kawza t-Tribunal gie mitlub jiddeciedi dwar talba ghad-danni *ossia* r-rifuzjoni ta' spejjes mhallsa mis-sid biex inaddaf u jbajjad garaxx liema fond thalla fi stat hazin dawn jinkludu l-ispejjez tal-Perit tal-attur li ghamel rapport.

Il-fatti huma s-segwenti:

Fil-31 ta' Lulju, 2010, l-attur kien kera l-fond 2, Dolmark, Triq Reggie Miller, Gzira, lill-konvenut Benjamin Borg Cardona. Skont l-attur meta kera il-fond ma kienx fl-istess stat. Wara l-kirja kien sabu miftuh u mimli 'mbarazz u anke kien hemm titjir ta' zebgha mal-hitan etc. (Ara Dok AC1,2 u AC3). Kellu ghalhekk ihallas persuni biex inaddfu l-post mill-affarijiet, ibajdu u sahansitra ikahhlu ghas-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450). Dawn damu gimgha gewwa l-garaxx jahdmu.

Kien ukoll inkariga Perit biex jaghmillu rapport dwar dan (ara Dok AC4 datat 11 ta' Gunju, 2013). Kien hallas lill-Perit mija u disghin ewro (€190).

Dan gie kkonfermat mill-**Perit William Soler** li gie 'nkarigat mill-attur. Rigward il-*pointing* ossia it-tikhil ma setax jikkonferma ghaliex kien hemm bzonn tat-tikhil.

**Benjamin Borg Cardona** fl-affidavit tieghu ddikjara li hu kien kera l-post ghall-diversi snin. L-inkwilin precedenti kien habib tieghu u flimkien kienu jirrangaw il-karrozzi u l-muturi gewwa l-garaxx bhala *hobby* ghaliex huma dilettanti tal-muturi u *land rovers*. Kienu infatti jzommu apparat u vetturi taghhom gewwa l-garaxx. Iddikjara illi s-sid kien jaf b'dan u qatt ma kellu oggezzjoni anzi kien jigi fuq il-post u jghaddi z-zmien hemm. Il-konvenut kien ha l-post wara siehbu (Filletti). Qatt ma kien hemm xi 'lment dwar kif kien halla l-post Filletti. Il-konvenut sostna meta ha l-post kien baqa' fl-istess stat ta' meta kien hemm Filletti. Camilleri kellu cavetta tal-post u kien gieli jidhol anke wahdu biex jiccekkja l-'*meter*'. Meta ried jittermina kien informa lill-konvenut xi sena qabel. Camilleri ma hax pjacir b'dan. Xahar qabel ma

ntemmet il-kirja kien mar ma' shabu biex jiehu l-ghodda u l-affarijiet u sab katnazz mal-garaxx b'nota biex jkellem lil Camilleri. Skont il-konvenut dan kien aggressiv mieghu u qallu li kellu jnaddaf il-post u jizbogh u anke li kellu jhalli warajh raft tal-metal li kien tal-konvenut. Inqalat tilwima bejniethom sa fl-ahhar u wara li mar ghand il-Pulizija Camilleri kien ceda u hallih ibattal il-garaxx. Skont il-konvenut kien dak inhar biss li kellu van u li seta jiehu l-affarijiet imma kien sarlu l-hin u ghalhekk huwa minnu li ma hax kollox mieghu, pero kien halla xi zebgha, boroz, affarijiet bhal dawn biss.

**Ikkunsidra**

Illi hareg mill-provi illi l-propjeta' 'nghatat lill-inkwilin direttament wara inkwilin iehor li kien habib tieghu. Kemm il-konvenut kif ukoll s-sid accettaw il-post f'dak l-istat *ossia* illi ma saru ebda xoghlijiet mis-sid qabel ma kera fil-fond. Il-konvenut jghid illi l-istat kien l-istess u l-uzu tal-post kien l-istess - infatti kienu jsewwu *land rovers* u muturi taghhom.

L-iskrittura privata li iffirmaw il-partijiet tghid:

*L-inkwilin jintrabat li jzomm l-imsemmi garaxx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u riparrazzjoni 'nternament u esternament u li jirritornah fl-istess stat tajjeb fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni"*

Illi l-inkwilin qed jikkontesta dan l-ammont ghaliex il-garaxx nghata lilu fl-istess stat li hallieh. It-Tribunal jaqbel mad-difiza illi jekk dan inghata lilu f'certu stat l-inkwilin m'ghandux ghalfejn igib il-post fi stat ahjar.

Ghalkemm it-Tribunal m'ghandux dubju li sar xoghol ta tindif ecc. l-attur ma pprezenta ebda ricevuta minn lavranti, pprezenta biss konferma minghand il-Perit ta' stima tax-xoghol. Lanqas ma gie pprezentat xi tip ta *breakdown* tal-ispejjez *ossia* kemm hallas ghar-rimi tal-affarijiet li kkonferma l-konvenut li seta' ramihom hu stess imma ma kellux il-hin. Illi ghalhekk il-problema li ghandu quddiemu t-Tribunal huwa l-istat li kien qabel li skont hu

"*stat accetabbli ghal li hu cioe post fejn ikun hemm vetturi personali jittrangaw"* Il-kerrej kien jaf ghalxiex kien jintuza u qatt ma qal xejn. Ta' min izid illi l-konvenut ghalkemm kien hallas bil-quddiem telaq xahar qabel it-terminu.

Illi t-Tribunal m'ghandux bizzejjed informazzjoni quddiemu dwar il-kundizzjoni tal-fond qabel ma gie mikri hlief xhieda ta' Borg Cardona ossia li kien fl-istess stat li hallih. Ma sar ebda kontro-ezami tieghu. Illi ghal din ir-raguni t-Tribunal ihoss illi ghandu jacetta din il-verzjoni u jichad it-talbiet tal-attur.

Ghaldaqstant fic-cikostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba. Bl-ispejjes.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------